# MARL

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 7

### April 2006

# Fiċ-Ċentru mhux






# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' April 2006.

Nixtieq li nfakkarkom li tlabnikom biex inthom tieħdu sehem f'dan il-fuljett billi tibgħatulna l-kontribuzzjoni taghkom.

Aħna mhux qed nitolbu kontribuzzjoni fi flus, għalkemm kontribuzzjoinijiet bħal dawn ma niċħduhomx.

Aħna qed nitolbukom għal artikli dwar xi apparat jew antenna li tkunu għamiltu, stazzjonijiet li tkunu ħdimtu, kif kienet il-propagazzjoni min-naħa tagħkom, u affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-delizzju tagħna.

Aħna rridu nafu wkoll xi stazzjonijiet li inthom ħdimtu għall-ewwel darba minn Malta, jiġifieri, l-ewwel darba li kien hemm QSO minn Malta fuq frekwenza partikolari, mod, eċċ.

Ejjew dawk kollha li taħdmu moonbounce, meteorscatter, tropo eċċ. Aħna rridu d-dettalji tagħkom għal għanijiet ta' storja. U aħna rridu dettalji tal-frekwenzi u modi kollha.

Aħna irċevejna xi artikli, imma bħal Oliver Twist irridu aktar. Ir-raġuni hija li aktar ma jkun hemm nies li jieħdu sehem aktar dan il-fuljett jista' jkun varjat u jolqot il-gosti tagħkom.

Min-naħa tagħna mhux biss nibqgħu nagħmlu ħilitna kollha biex inwasslulkom l-aħjar artikli li nistgħu, kif nibqgħu nagħmlu l-aħjar biex inħajjru aktar nies jaqbdu d-delizzju tagħna, imma anki nġibu aktar affarijiet ghad-dilettanti tar-radju Maltin bħal ma għamilna bil-bidu bikri fit-tkabbir tas-7Mhz.

Lawrence

## Radd il-Ħajr

Il-Kumitat tal-MARL jixtieq irodd ħajr lis-Soċjeta' DX ta' Texas għall-għotja tagħhom ta' dipol vertikali tas-Sigma Force 12 tat-80 metru lill-MARL wara l-ispedizzjoni DX tagħhom hawn Malta.

Dan id-dipol vertikali huwa maħsub biex jintuża f'operazzjoni barra mid-dar, u aħna ċerti li se jintuża f'operazzjonijiet barra mid-dar fuq il-frekwenzi baxxi flimkien mad-dipol tal-160 metru li ingħata qabel lill-MARL mill-grupp ta' l-ispedizzjoni dx ta' l-Olanda.

Nittamaw illi l-membri tagħna jagħmlu aktar użu mill-apparat u antenni li għandna, inkluża t-80 metru, u nerġgħu nroddu ħajr lis-Soċjeta' DX ta' Texas għall-għotja ġeneruża tagħhom.

## Tindif taċ-Ċentru tal-MARL

Il-Kumitat jixtieq irodd ħajr lil 9H1SP Paul, 9H1PI Ivan, 9H1TM Mario, 9H5RL Ronald, 9H5IR Norbert, u lil Charlie SWL għall-inizjattiva tagħhom biex inaddfu u jsewwu l-ħajt ta' barra taċ-ċentru.

Waqt li nroddulhom ħajr inħeġġu lill-membri tagħna biex jiġu aktar fiċ-Ċentru u biex ikun ukoll oħrajn min imidd idejh għalkemm biex inġibu ċ-Ċentru aħjar milli hu issa.

Fuq l-istess linji, iċ-Ċentru jkun ħafna aħjar kieku kull min joqgħod jgħid x'għandu jsir jieħu l-eżempju ta' sħabna u jagħmel xi ħaġa huwa stess u jkun ta' eżempju għal ħaddieħor.

Infakkrukom ukoll biex tibghatulna l-indirizz elettroniku tagħkom biex inkunu nistgħu nibghatulkom il-fuljett, dan dejjem jitpoġġa fuq il-paġna ta' l-internet taghna.

L-indirizz elettroniku tagħkom iservi wkoll biex ninfurmawkom b'xi aħbarijiet li jista' jkollna kif ukoll b'attivitajiet li nkunu se norganizzaw.

Għaldaqstant fittxu ibgħatulna l-indirizz elettroniku tagħkom ħalli jkollna lista sħiħa.

Infakkrukom ukoll li konna tlabnikom biex tgħidulna jekk tridux li nippubblikaw id-dettalji tagħkom f'xi pubblikazzjoni li nistgħu nagħmlu.

Nuqqas ta' tweġiba min-naħa tagħkom titqies li għandna l-qbil u l-kunsens tagħkom u d-dettalji li nippubblikaw huma dawk li nsibu fuq l-internet sakemm ma tinfurmawniex b'xi tibdil.

## Il-Periklu Jkompli

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-fuljett wissejnikom dwar periklu ġdid għad-delizzju tagħna minħabba li interessi kummerċjali jridu jibgħatu s-sinjali ta' l-internet fuq il-fili ta' l-elettriku.

Konna ġbidna l-attenzjoni tagħkom ukoll għal posta elettronika mibgħuta mill-Kumitat ta' l-Interferenza ta' l-RSGB dwar it-tibdil li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea trid tagħmel fid-Direttiva tagħha dwar il-kompatibilita' manjetika.

Konna ġbidna l-attenzjoni tagħkom dwar kif pajjiżna qabel u vvota favur dan it-tibdil mingħajr ma għamel l-ebda kumment, waqt li l-pajjiżi l-kbar u li għandhom aktar kapaċitajiet, studji u nformazzjoni kienu vvutaw kontra.

Issa reġa' hemm theddida għad-delizzju tagħna għaliex l-interessi kummerċjali qatt ma jaqtgħu qalbhom u dejjem jibqgħu jippruvaw tgħaddi tagħhom.

Fil-fatt, irċevejna posta elettronika oħra dwar studji li saru fuq provi li nżammu fil-Ġermanja fejn ġiet ippruvata sistema li tuża l-fili tat-telefon, imma li ġie ppruvat li tagħmel interferenza kbira.

Aħna niżżilna r-rapporti ta' dawn l-istudji u qegħdin għandna biex jekk jisparixxu minn fuq l-internet ikollna kopja.

Dawn ir-rapporti ma kienux maħsuba li jsiru magħrufa mill-pubbliku ġenerali, imma xi ħadd irnexxilu jakkwistahom u għaddihom lill-għaqdiet tad-dilettanti tar-radju.

Nassigurawkom li meta taraw dawn ir-rapporti tindunaw għaliex għidnilkom li hemm theddida serja għad-delizzju tagħna mill-interessi kummerċjali jekk sistema bħal din titħalla tintuża.

Dawn ir-rapporti jistgħu jitniżżlu minn fuq din il-paġna li ġejja li fuqha hemm ukoll ħoloq oħra dwar dawn l-istudji.

Il-maġġoranza huma PDF, imma hemm ukoll preżentazzjoni li hija bis-sistema power point.

http://www.ofcom.org.uk/static/archive/ra/topics/interference/documents/dslplt.htm

Inħeġġukom biex tfittxu tniżżlu dawn ir-rapporti u taraw il-periklu li din is-sistema toħloq għad-delizzju tagħna.

Kif għidnilkom, jekk dawn ir-rapporti jisparixxu mill-paġni ta' l-internet, aħna għandna kopja u tkunu tistgħu tingħataw kopja tagħhom, imma nissuġġerixxu li tniżżluhom mill-aktar fis possibbli.

## ARRL

Aktar informazzjoni ġiet ippubblikata wkoll mill-ARRL fuq il-paġna tagħha fl-4 ta' April 2006 dwar operazzjonijiet tal-BPL fl-Istati Magħquda, liema nformazzjoni tinstab fuq il-ħolqa li ġejja.

http://www.arrl.org/news/stories/2006/04/03/100/?nc=1

Kien irrapurtat li skond l-istatistika tal-FCC, is-sehem mis-suq tal-BPL kien żgħir ħafna meta mqabbel ma operaturi oħra.

Skond l-istatistika, kien hemm biss 4872 abbonat "BPL u Oħrajn" kummerċjali u

residenzjali li kellhom ħeffa ta' aktar minn 200kbps f'mill-anqas direzzjoni waħda.

In-numru kollu ta' linji b'ħeffa kbira għat-teknoloġiji kollha huwa ta' 42,866,469, li jirriżulta "f'BPL u Oħrajn" ftit aktar minn 0.01%.

'Servizzi avvanzati' residenzjali BPL b'ħeffa aktar minn 200 kbps miż-żewġ naħat huwa biss 3916 from 34,259,411.

Il-fatt li l-figuri jirreferu għal "BPL u Oħrajn" ifisser li n-numru attwali ta' abbonati tal-BPL huwa aktar baxx, għaliex in-numri jinkludu wkoll teknoloġiji "oħra" li ma jingħadx x'inhuma.

In-numru ta' abbonati bil-ħeffa li għandha l-BPL żgur li ma jiġġustifikax l-interferenza enormi li l-BPL toħloq fuq il-frekwenzi kollha minn 2 sa xi 80 Mhz jew aktar.

Nittamaw li ħadd f'Malta qatt ma joħlom li juża l-BPL jew PLC kif inhija wkoll magħrufa, f'Malta.

Madankollu, aħna se nkunu lesti għaliha u niġġieldu kull dħul f'Malta ta' teknoloġija li toħloq daqstant interferenza

Kieku, ikun it-tmiem tad-delizzju tagħna u wkoll interferenza mas-servizzi l-oħra kollha fuq il-frekwenzi msemmija, inklużi servizzi ta' sigurta' ta' vapuri u ajruplani u servizzi oħra ta' sigurta'.

Nittamaw li l-awtoritajiet Maltin jkunu għaqlin biżżejjed biex ma jħallux xi operatur idaħħal sistemi bħal dawn f'Malta.

Dan minħabba żewġ stqarrijiet għall-istampa maħruga fid-19 ta' Mejju 2004 mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni dwar il-ftuħ tal-konferenza ta' kull sena li ssir mill-Awtorita' tal-Komunikazzjoni.

Fl-istqarrija numru 826, jintqal li l-Onorevoli Ministru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni qal dwar l-istrateġija tat-teknoloġija ta' ħeffa kbira li,

**"Aħna tassew ma jaffettwaniex jekk din titwassalx fuq il-linji tat-telefon, fuq il-kejbil, fuq linji ta' l-elettriku, fuq apparat mobbli, mis-satelliti, minn sistemi bla fil: jekk inthom issibu mezz biex tagħmluha, ma jimpurtax jekk inthom twassluha mill-ilma.**

**Sakemm is-soluzzjoni hija fil-parametri regolatorji li aħna naqblu fuqhom, iktar ma tkun irħisa, iktar żgura, iktar ta' min jistrieħ fuqha, iktar aħna nilquha."**

Fl-istqarrija numru 827 jintqal li l-Ministru għall-Kompetittivita' u **Komunikazzjoni f'punt 4 qal li,**

**"Il-Gvern diġa' qiegħed jikkonsidra politika xierqa għat-teknoloġiji ta' ħeffa kbira ġodda – il-linji tad-dawl u aċċess fiss bla fil."**

Għalhekk ghandna nżommu ruħna nfurmati sewwa u noqgħodu attenti għax jista' jkun hemm xi ħadd li jipprova jdaħħal xi sistema tal-BPL.

Dan minkejja l-fatt li f'pajjiżi oħra, speċjalment fl-Istati Magħquda, il-ftit sistemi li qed jiġu ppruvati qed jingħalqu minħabba l-interferenza li jagħmlu, il-ftit li abbonaw fihom, u għax sistemi oħra għandhom ħeffa ħafna aktar mill-BPL jew PLC.

Ir-rapport tal-FCC jista' jitniżżel mill-ħolqa li ġejja, għalkemm aħna għandna kopja fil-każ li r-rapport jisparixxi mill-internet.

http://hraunfoss.fcc.gov/edocs_public/attachmatch/DOC-264744A1.pdf

Niżżluh u żommu ruħkom infurmati sewwa fl-interess tagħkom u fl-interess tad-delizzju tagħna.

## Aktar Periklu

Bħal li kieku dan ma kienx biżżejjed, aħna għandna aktar aħbarijiet ħżiena dwar l-użu ta' spettru-mifrux minn servizzi oħra.

Dan minħabba sistema ta' Trasmissjoni lejn il-ferroviji proposta minn Siemens fl-1996 li tuża spettru-mifrux fuq frekwenza ċentrali ta' 6.78Mhz. Din kienet imsejħa Ewroloop.

Din is-sistema ma kinitx meqjusa bħala soluzzjoni għal tul ta' żmien jew li kienet se tiġi addottata ħafna minħabba li kienet se tkun mibdula minn sistema ta' komunikazzjoni msejsa fuq GSM-R. Min-naħa l-oħra, GCE/Alstrom ipproponew sistema microwave bħala kompetitur tagħha.

Xi snin wara, instab li l-Ewroloop kienet tinħtieġ li taħdem fuq frekwenza għola biex tiskansa problemi ma' sistema oħra msejħa Ewrobalise, li kienet tuża spettru-mifrux wiesgħa 6.5Mhz iċċentrat fuq 4.24Mhz.

Issa hemm proposta biex is-sistema Ewroloop taħdem bħala sistema spettru-mifrux bejn 9 u 18-il Mhz iċċentrata fuq 13.5Mhz.

Mhux maħsub li nidħlu fit-teknikalitajiet tas-sistema, imma hija taħdem fuq il-kamp manjetiku minn fil koassjali terminat li jħalli sinjali joħorġu b'tul li jvarja bejn 300 u 1000 metru.

L-effetti potenzjali ta' din is-sistema fuq oħrajn minħabba propagazzjoni ionosferika u fuq dawk li jgħixu qrib il-linji tal-ferrovija qed ikunu nvestigati mill-IARU li sabu li madwar 1.2% tad-dilettanti tar-radju jkunu affettwati

Għalkemm aħna m'għandniex ferroviji, hija xorta tista' taffettwana għax jista' jkun li ma nkunux nistgħu nikkomunikaw effettivament ma stazzjonijiet li jkunu qrib linji tal-ferrovija u anki minħabba propagazjoni ionosferiċi tas-sinjali tagħha jikkawżaw interferenza fuq distanzi kbar. Aħna għalhekk qed inżommu ruħna infurmati bl-aħħar żviluppi fuq din is-sistema.

## Propagazzjoni

Bħalissa qegħdin fl-inqas livell fiċ-ċiklu tax-xemx, u wieħed jista' jaħseb li ma jkunx hemm propagazzjoni tajba fuq il-frekwenzi għolja.

Dan jista' jwassalna biex ma nfittxux speċjalment fuq il-21, 24 u 28Mhz biex naraw jekk ikunx hemm xi stazzjonijiet li nistgħu nitkellmu magħhom.

Fil-fatt nistgħu nkunu qed nitilfu stazzjonijiet jekk ma nfittxux jew ma ngħajtux aħna stess, għaliex jekk kulħadd ikun qed jipprova jisma' u ħadd ma jkun qiegħed jgħajjat ħadd ma se jisma xejn.

Eżempju ta' dan huwa meta nhar il-Ġimgħa 7 ta' April fittixt fuq il-frekwenzi għolja fis-9.00 ta' filgħaxija, u fuq t-28 Mhz kien hemm stazzjon awtomatiku mill-Arġentina, LU1FHH fuq 28.197 Mhz. Dan is-sinjal kien għadu hemm sa l-10 ta' filgħaxija ħin Malti meta kelli nitfi.

Għalkemm is-sinjal ma kienx qawwi, jien ippruvajt ngħajjat fuq is-sezzjoni tas-CW aktar l-isfel, imma ħadd ma wieġeb għaliex jidher li ħadd ma kien qiegħed jaħseb li se jkun hemm propagazzjoni tajba speċjalment dak il-ħin minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar qabel.

Għalkemm ma jkun qiegħed jinstema xejn, ikun aħjar li nagħtu għajta għax jista' jkun hemm ħafna qegħdin jissemmgħu u ma jkun hemm ħadd li qiegħed jgħajjat.

Min-naħa l-oħra, il-propagazzjoni fuq il-frekwenzi baxxi hija tajba u wieħed jista' jsib stazzjonijiet dx, xi kulltant anki rari.

Dan jgħodd ukoll ghal frekwenzi fejn wieħed isib stazzjonijiet li jittrasmettu biex bastimenti u ajruplani jkunu jistgħu jsibu l-pożizzjoni tagħhom billi jaraw is-sinjal tagħhom minn liema direzzjoni jkun ġej.

Normalment wieħed ma jirċevix dawn l-istazzjonijiet minn distanzi kbar, imma meta ppruvajt nara xi stazzjonijiet kienu deħlin nhar l-4 ta' Marzu, irnexxili nisma lil GAG mir-Renju Magħqud fuq is-CR100 (B28) antik tiegħi.

Dan kien fid-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija fuq il-frekwenza 368khz. Dan barra stazzjonijiet oħra li kienu deħlin b'saħħa tajba.

Għalhekk, min huwa ħerqan jistenna biex ikollna permess nużaw il-136khz għandu jħossu nkuraġġut minħabba li jidher li

jista' jkollna QSO's anki bis-CW barra minn Malta barra milli nużaw programmi tal-kompjuter meta l-propagazzjoni tkun tajba.

## Aħbarijiet

Dwar il-500khz u l-5Mhz għalissa m'għandniex aħbarijiet għax għadhom lura ħafna. Madankollu għandna xi ngħidulkom dwar il-136khz u s-70Mhz biex taraw li aħna mhux qed norqdu, imma qed niġbru l-informazzjoni kollha possibbli ħalli nkomplu nippruvaw niksbuhom mingħand l-awtoritajiet kompetenti Maltin.

## 0 sa 9khz

Tajjeb li tkunu tafu li l-frekwenzi minn 0 sa 9khz m'humiex allokati anki hawn Malta.

Dawn il-frekwenzi huma tant baxxi li l-antenni normali u efficjenti li nużaw fuq frekwenzi aktar għolja ħadd ma jista' jagħmilhom għal dawn il-frekwenzi.

Fil-fatt, sistema li jużaw xi esperimentaturi hija li jdaħħlu vireg fl-art separati b'numru ta' metri u s-sinjal jintbaghat minnhom. B'dan il-mod tintuża l-art bħala l-mezz biex twassal is-sinjali.

Għal sistemi bħal dawn ma tinħtieġ l-ebda permess jew liċenza, għaliex ma tkunx qed tirradja sinjal tar-radju fl-arja minn xi antenna. Inti tkun qiegħed tibgħat biss sinjal fuq frekwenzi awdjo mid-dinja nfisha.

Madankollu, aħna ridna li ningħataw permess biex inkunu nistgħu nesperimentaw billi nużaw antenni u nkunu nistgħu nirradjaw sinjali fuq frekwenzi tar-radju, għalkemm frekwenzi baxxi ħafna.

Għalkemm għamilna din it-talba it-tweġiba kienet li għalkemm dawn il-frekwenzi m'humiex allokati, esperimenti xjentifiċi jistgħu jsiru għalkemm mhux minn stazzjonijiet tad-dilettanti tar-radju.

Bħal dak li qallu d-dilettanti tar-radju ma jagħmlux esperimenti xjentifiċi u kienu fost l-ewwel nies li għamlu kixfiet xjentifiċi importanti.

Madankollu, naraw aktar 'il quddiem forsi jirnexxilna ningħataw għalmenu xi parti żgħira minn dan l-ispektrum li joffri sfidi li ma ssibhomx fuq frekwenzi oħra.

Sa kemm u jekk forsi naslu, min jaf meta, min irid jesperimenta fuq dawn il-frekwenzi jrid juża s-sistema msemmija aktar 'il fuq, jiġifieri vireg imdaħħla fl-art għax b'hekk ma jkun qed jirradja l-ebda sinjal tar-radju fl-arja.

## 136 khz

Dwar din il-frekwenza għamilt ftit riċerki u niżżilt numru ta' pjani nazzjonali tal-frekwenzi ta' numru ta' pajjiżi.

Minn dawn il-pjani jirriżulta li dawn il-pajjiżi li ġejjin jagħtu l-frekwenza tal-136khz, jiġifieri bejn 135.7khz u 137.8khz lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

| | |
|---|---|
| **3A** | Monako |
| **5B4** | Ċipru |
| **ZC** | Cipru (Bażijiet Ingliżi) |
| **6O u T5** | Somalia |
| **9A** | Kroazja |
| **C3** | Andorra |
| **Portugall, jiġifieri** | |
| **CT** | Portugall |
| **CT3** | Madeira |
| **CU** | Azores |
| **DJ eċċ** | Ġermanja |
| **EA** | Spanja |
| **EI** | Repubblika Irlandiża |
| **ES** | Estonja |
| **EU** | Belarus |
| **F** | Franza |
| **Renju Magħqud, jiġifieri** | |
| **G** | Ingliterra |
| **GD** | Isle of Man |
| **GI** | Irlanda tat-Tramuntana |
| **GJ** | Ġerżi |
| **GM** | Skozja |
| **GU** | Guernsey u d-dipendenzi |

| | |
|---|---|
| **GW** | Wales |
| **HA** | Ungerija |
| **HB** | Svizzera |
| **HB0** | Liechtenstein |

**L-Italja, jiġifieri**

| | |
|---|---|
| **I** | Italja |
| **IS** | Sardinja |
| **IT** | Sqallija |
| **LA** | Norveġja |
| **LX** | Lussemburgu |
| **LY** | Litwanja |
| **LZ** | Bulgarija |
| **OE** | Awstrija |
| **OH** | Finlandja |
| **OK** | Repubblika Ċeka |
| **OM** | Repubblika Slovakka |
| **ON** | Belġju |
| **OX** | Greenlandja |
| **OY** | Gżejjer Faroe |
| **OZ** | Danimarka |
| **PA** | Olanda |
| **R, UA** | Russja |
| **S5** | Slovenia |
| **SM** | Svezja |
| **SP** | Polonja |
| **SV** | Grecja |
| **TF** | Islanda |
| **YL** | Latvja |
| **ZB** | Ġibilta' |
| **ZS** | Afrika tan-Nofsinhar |

Pajjiżi oħra li awtorizzaw lid-dilettanti tar-radju tagħhom b'permess speċjali huma,

| | |
|---|---|
| **LU** | Argentina |
| **VK** | Awstralja |
| **VE** | Kanada |
| **W** | USA (**WL, KL**) |
| **ZB** | Ġibilta' |
| **ZL** | Żelanda l-Ġdida |

Fil-fatt, id-dilettanti tar-radju ta' Żelanda l-Ġdida għandhom minn 130 sa 190khz. Għandhom ukoll frekwenzi bejn 26.950 sa 27.300 Mhz li jintużaw għat-telemetrija u biex jikkontrollaw mill-bogħod.

Għandhom ukoll minn 614.00 sa 622 Mhz, kif ukoll 921.00 sa 929.00 Mhz barra mill-frekwenzi l-oħra li għandhom dilettanti tar-radju minn pajjiżi oħra.

Il-Kanada kienet għamlet ukoll proposta li ġiet aċċettata mill-Konferenza Dinjija tar-Radju tas-sena 2003. Din il-konferenza Dinjija tar-Radju ddeċidiet li tpoġġi proposta fuq l-Aġenda tas-sena 2007 ta' l-istess Konferenza li tgħid,

***1.15 biex tikkonsidra allokazzjoni sekondarja lis-servizz tad-dilettanti tar-radju fuq il-frekwenza 135.7-137.8 kHz***

Għalkemm din il-Konferenza se ssir is-sena d-dieħla, nittamaw li ma jkollniex nistennew sakemm din il-Konferenza tiddeċiedi dwar din il-proposta qabel ma l-awtoritajiet Maltin jagħtuna din il-frekwenza għaliex kif tistgħu taraw hemm ħafna pajjiżi li diġa' taw din il-frekwenza lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

## Kuntatti

Aktar kmieni dan ix-xahar, saru wkoll attentati biex isir kuntatt mill-Kanada u Żelanda l-Ġdida. In-nominattiv użat kien VA7LF, waqt li min-naħa ta' Zelanda l-Ġdida kien ZM2E.

Minħabba t-tul bejn l-istazzjonijiet, huma wżaw sistema DFCW90 u DFCW60. Din hija sistema fejn id-dot u d-dash jintbagħtu fuq frekwenzi separati bejn 0.1 u 0.5 hz.

Huma rnexxilhom jisimgħu s-sinjali ta' xulxin, imma ma rnexxilhomx jagħmlu komunikazzjoni sħiħa, jiġifieri QSO. Għalkemm s'issa ma rnexxilhomx, huma se jkomplu bl-attentati tagħhom.

## 70Mhz

Dwar din il-frekwenza, diġa' konna għidnilkom li t-tweġiba kienet li din hija mogħtija lil servizzi oħra u għalissa ma tistax tingħata lil servizzi oħra.

Qabel konna għidnilkom dwar diversi pajjiżi li taw din il-frekwenza lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

Skond il-paġna ta' l-aħbarijiet ta' l-RSGB ta' l-10 ta' Marzu 2006, id-dilettanti tar-radju ta' Monako ingħataw ukoll din il-frekwenza, jiġifieri minn 70Mhz sa 70.5Mhz. Dan kien ikkonfermat ukoll

minn Claude Passet, 3A2LF lill-Practical Wireless permezz ta' posta elettronika.

Issa l-Portugall hemm 5 stazzjonijiet li ingħataw licenzja biex jużaw ukoll is-70 Mhz, għalkemm il-frekwenzi tagħhom huma differenti mill-frekwenzi ta' pajjizi oħra.

Huma ingħataw frekwenzi bejn 70.60625 u 70.63125 Mhz, għalkemm jistgħu jinbidlu aktar 'il quddiem biex jiġu jaqblu ma dawk ta' pajjiżi oħra.

Bħalissa diġa' hemm 5 stazzjonijiet li huma,

**CT1HZE** Aljezur – Algarve
**CU8AO** Santa Cruz das Flores – Açores
**CT1FFU** Caldas da Rainha
**CT1FJO** Santarem
**CT1JAD** Carvoeiro – Algarve

Min-naħa l-oħra, permezz tal-posta elettronika mibgħuta nhar is-Sibt 18 ta' Marzu, Jacquot LX1JX informa lil kulħadd li d-dilettanti tar-radju fil-Lussemburgu wkoll ingħataw frekwenzi fuq is-70Mhz, u għalissa ingħataw minn 70.150 Mhz sa 70.250 Mhz mit-13 ta' Marzu 2006.

Permezz ta' posta elettronika oħra mill-Greċja ta' l-14 ta' Marzu 2006, Costas, SV1DH, qal li l-Amministrazzjoni Griega dalwaqt se tagħti frekwenzi fuq is-70 Mhz lid-dilettanti tar-radju.

Għalissa, il-frekwenzi se jkunu bejn 70.2Mhz sa 70.25Mhz, liema frekwenzi se jkunu jistgħu jintużaw ukoll minn dilettanti tar-radju barranin fil-Greċja.

Fl-istess pjani nazzjonali tal-frekwenzi li ġbart dwar il-136khz insibu wkoll informazzjoni siewja dwar is-70Mhz li jiena wżajt għat-tabella li tinsab aktar l-isfel.

Infakkrukom li din il-frekwenza jistgħu jużawha dilettanti tar-radju f'dawn il-pajjiżi

| | |
|---|---|
| **3A** | Monako |
| **5B4** | Ċipru |
| **ZC4** | Ċipru (Bażijiet Ingliżi) |
| **6O** | Somalia |
| **9A** | Kroazja |
| **6P, AP** | Pakistan |
| **CT** | Portugall |
| **CT3** | Madeira |
| **CU** | Azores |
| **EI** | Repubblika Irlandiża |

**Renju Magħqud, jiġifieri**

| | |
|---|---|
| **G** | Ingliterra |
| **GD** | Isle of Man |
| **GI** | Irlanda tat-Tramuntana |
| **GJ** | Ġerżi |
| **GM** | Skozja |
| **GU** | Guernsey u d-dipendenzi |
| **GW** | Wales |

| | |
|---|---|
| **LX** | Lussemburgu |
| **OX** | Greenlandja |
| **OY** | Gżejjer Faroe |
| **OZ** | Danimarka |
| **PA** | Olanda |
| **S5** | Slovenia |
| **SM** | Svezja (Beacon) |
| **SV** | Greċja |
| **YU** | Jugoslavja |
| **ZB** | Ġibilta' |
| **ZS** | Afrika tan-Nofsinhar |

Il-Finlandja (**OH**), l-Isvezja (**SM**) u l-Polonja (**SP**) ukoll qed jistennew li jingħataw din il-frekwenza waqt li l-Isvezja għandhom beacon.

Barra minn dawn, skond informazzjoni li ġbart minn fuq il-paġna ta' l-internet ta' l-4 metri http://www.70mhz.org/index.htm hemm ukoll beacon fuq il-Gżira Ascension fuq il-frekwenza ta' 75.300MHz, liema beacon għandha n-nominattiv ZD8DUB.

L-informazzjoni dwar il-Lussemburgu, il-Greċja, u l-Portugall kif ukoll Monako tinsab ukoll fuq il-paġna ta' l-internet imsemmija aktar 'il fuq.

Skond din il-paġna, id-dilettanti tar-radju tal-Lussemburgu ingħataw din il-frekwenza mit-13 ta' Marzu 2006, u Monaku mis-26 ta' Jannar 2006.

Skond il-paġna ta' l-internet ta' l-Għaqda Nazzjonali tad-dilettanti tar-radju ta'

Ċipru, il-CARS, huma ghandhom ukoll stazzjon awtomatiku fuq 70.114 Mhz, saħħa 10W, antenna 6 elementi, direzzjoni 315$^0$, lokazzjoni KM64FT.

Il-ħolqa ghall-paġna ta' l-internet tal-CARS hija, http://www.cyhams.org/

X'qegħdin jistennew l-awtoritajiet Maltin biex forsi ma nkunux l-aħħar nies fid-dinja li ningħataw din il-frekwenza?

## Is-Somalja

M'hemmx dubju li xi wħud iqisu li s-Somalja hija pajjiż tat-tielet dinja minħabba ċerti problemi li għandha.

Madankollu, se naghtikom xi informazzjoni u ftit frekwenzi li SARFEN, l-Għaqda tad-Dilettanti tar-Radju f'dan il-pajjiż irnexxilha takkwista għad-dilettanti tar-Radju.

Meta taraw l-informazzjoni li ġejja tibdew tistaqsu, għalmenu fejn jidħlu d-dilettanti tar-radju: "Jekk is-Somalja hija meqjusa pajjiż tat-tielet dinja, Malta x'tista' titqies li hija?"

Dawn id-dettalji ssibuhom fuq il-ħolqa ta' l-internet
http://www.somaliahamradio.8k.com/

Liċenzja għal għomorhom bla ħlas lid-dilettanti tar-radju.

Liċenzja għal għomorhom bla ħlas għad-dilettanti tar-radju barranin li jżuru s-Somalja.

Saħħa tal-ħruġ tat-trasmettitur ta' 3KW

**Frekwenzi ġodda:**
0 sa 9 khz
70 sa 76 khz
133 sa 139 khz
165 sa 190 khz
495 sa 505 khz
5.210 sa 5.410 Mhz
26.1 sa 27.995 Mhz
70 sa 70.5 Mhz
220 sa 225 Mhz
575 sa 585 Mhz
614 sa 622 Mhz
902 sa 927 Mhz

Dawn huma frekwenzi ġodda li ġew akkwistati mill-għaqda tad-dilettanti tar-radju tas-Somalja u huma flimkien mal-frekwenzi l-oħra li għandhom id-dilettanti tar-radju.

Kull kummenti oħra jkunu żejda.

Ma nistennewx li ningħataw il-frekwenzi bejn 200 sa 225Mhz u 575 sa 927 Mhz għaliex fl-Ewropa huma allokati għal servizzi oħra bħal ma huwa t-televiżjoni, waqt li bejn is-26.1 sa 27.995 Mhz huma allokati bħala frekwenza għaċ-ċittadini, imma aħna nistennew li ningħataw frekwenzi oħra bħall-136khz, 5Mhz u 70Mhz u aktar 'il quddiem il-500khz bħal dilettanti tar-radju f'pajjiżi oħra.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

## X'Inhija Pjanta Smith

Qabel ma wasal il-kalkulatur elettrroniku, ġenerazzjonijiet ta' inġiniera bl-użu prattiku tar-rigi li jkollhom parti minnhom jimxu, kisbu għarfien minnhom dwar il-logaritmi.

Inġiniera ta' l-RF għandhom ukoll għodda li tgħinhom biex jifhmu l-fili tat-trasmissjoni.

Din hija msejħa l-Pjanta Smith, wara l-matematiku P. Smith, li żviluppaha ippubblikaha oriġinarjament fl-1939.

Sfortunatament, skejjel ta' l-inġinerija dejjem jonqsu li jgħallmu lill-istudenti kif jagħmlu użu prattiku tal-Pjanti Smith (jew anki r-rigi li jkollhom parti minnhom timxi).

Issa, bil-Kompjuters Personali li wieħed isib, hemm inqas motivazzjoni biex huma jitgħallmu kif jużaw dawn l-għodda, li jipprovdu għarfien u mezzi biex jinħadmu l-kalkolazzjonijiet involuti fil-fili tat-trasmissjoni u komponenti fuq frekwenzi tar-radju.

Bħala dilettanti, aħna kollha tgħallimna li komponent elettroniku jista' jiġi rapprezentat bħala impedenza li hija

kombinazzjoni ta (resistenza pura) u reattanza (induttiva jew kapaċittiva)

Kull impedenza hekk kumplessa tista' tiġi viżwalizzata bħala punt fit-tpinġija Argand.




**Diagramma Argand biex tirrappreżenta Impedenza Kumplessa**

Iktar minn hekk, aħna tgħallimna li fil tat-trasmissjoni RF għandu impedenza karatteristika ($Z_o$) li tiddependi fuq il-kostruzzjoni sezzjonali fiżika tiegħu.

Issa, jekk dan il-fil jiġi terminat f'reżistenza b'impedenza ta' l-istess valur, $Z_o$, imbagħad is-saħħa kollha tiġi trasferita fir-reżistenza (load).

Kull (load) ta' impedenza oħra tikkawża xi saħħa biex tiġi riflessa lura (il-proporzjon huwa definit bħala l-koeffiċjent tar-riflessjoni) li jirriżulta f'mewġ (standing waves) matul il-fil.

Hemm relazzjonijiet matematiċi kumplessi bejn il-koeffiċjent ta' riflessjoni, il-mewġ (Standing waves) (SWR) u l-impedenza (load) normalizzata $Z_1/Z_{o.}$




**Skematika tal-mudell tal-fil tat-trasmissjoni**

Huwa magħruf sewwa li koeffiċjent ta' riflessjoni speċifiku jista' jiġi rappreżentat grafikament bħala ċirku ta' radjus ugwali għall-kobor tal-koeffiċjent ta' riflessjoni.

Dan il-koeffiċjent ta' riflessjoni huwa definit bħala li jkun bejn il-valur ta' 1 (riflessjoni totali) għal 0 (l-ebda riflessjoni).

Il-pożizzjoni angulari, fuq ċirku ta' koeffiċjent ta' riflessjoni kostanti, jirrappreżenta l-angolu mkejjel tal-fasi ta' riflessjoni, u b'hekk jiddefinixxi il-koordinati polari tar-riflessjoni.

Fuq il-punt tal-kejl, il-fasi se jkun jiddependi wkoll fuq it-tul elettriku tal-fil, u b'hekk billi jimxi 'l fuq u l-isfel (matul) fil-fil, il-valur imkejjel jimxi madwar iċ-ċirku li jirrappreżenta l-koeffiċjent ta' riflessjonji, idur dawra kull nofs mewġa.




**Pjanta li turi Koeffiċjent ta' Riflessjoni**

Il-Pjanta Smith hija l-pjanta ta' hawn fuq, użata bies tirrappreżenta l-koeffiċjent ta' riflessjoni, li fuqha jiġu ntraċċati l-valuri ta' impedenza ta' reżistenza u reattanza.

Dawn it-traċċi m'għadhomx aktar il-koordinati rettangolari familjari **x – y** tad-diagramma Argand, imma jimxu madwar passaġġi ċirkolari fuq il-pjanta tal-koeffiċjent ta' riflessjoni.

Fil-prattika, darba l-koeffdiċjent ta' riflessjoni, (u l-angolu tal-fażi tiegħu, θ) jkun magħruf, jista' jiġi mpinġi fuq il-Pjanta Smith u l-impedenza ssir magħrufa minnufih fit-termini familjari ta' reżistenza u reattanza.

Biex nissimplifikaw il-pjanta stampata, huwa komuni li nħallu barra ċ-ċrieki konċentriċi li jirrappreżentaw il-koeffiċjenti ta' riflessjoni, minħabba li min jużaha jagħmilhom huwa nnifsu (b'riga u kumpass) waqt li jkun qiegħed ikejjel.

Dan normalment jinvolvi l-kejl tal-SWR, identifikazzjoni tal-punt ta' riferenza ta' fażi (probabbilment ċirkwit miftuh, minflok l-apparat li jkun qiegħed jiġi ppruvat) u t-tul elettriku tal-fil tat-trasmissjoni.

Darba l-kunċett jinqabad, il-pjanta Smith issir għadda essenzjali biex insibu l-impedenza kumplessa ta' komponenti, kemm diskreti u mqassma.

Problems ta' tqabbil ta' 'loads', aġġustar ta' antenni, nagħmlu l-aħjar wisa' (bandwidths), u anki sempliċiment naħdmu numru aritmetiku kumpless jistgħu jsiru faċilment.

Għal dawk li jinsistu li jużaw il-Kompjuter Personali tagħhom, hemm programm siewi ħafna u edukazzjonali biex jaħdmu l-Pjanta Smith, minn Marian van Westen (PA0MVW), imsejjaħ PASAN.

Inti tista' tniżżlu b'xejn minn [http://members.home.nl/mvanwesten/progs/pasanse.zip](http://members.home.nl/mvanwesten/progs/pasanse.zip)

Bħal kull teknika oħra, inti titgħallem biss u tirrealizza l-potenzjal kollu tagħha billi tużaha.

Ipprova użaha fuq ftit eżempji, u jiena ċert li inti ssib ir-riżultati li tikseb jiswew l-isforz li tagħmel.

## Il-Pjanta Smith Kompluta

**Disinn Black Magic**

Minħabba restrizzjonijiet prattiċi kelli nċekken il-qies tal-Pjanta Smith fl-eżempju li ġej. Madankollu, inti tista' tniżżilha mill-ħolqa fi tmiem dan l-Artiklu.

Inti tista' tikkopja l-pjanta u tkabbarha għal A3 jekk għandek stampatur A3. Jekk m'għandikx, kabbarha għal A4, stampaha imbagħad kabbarha permezz ta' fotokopja. (Lawrence)

Pjanti addizzjonali għall-istampar jistgħu jitniżżlu (b'xejn) minn, [http://www.engj.ulst.ac.uk/sidk/graph/smith.pdf](http://www.engj.ulst.ac.uk/sidk/graph/smith.pdf)

**The Complete Smith Chart**
Black Magic Design




Robin, 9H1ZZ

## Serq mill-Maltapost

Sur Editur,
Qiegħed nikteb biex nilmenta u nġib għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet relevanti li l-Maltapost qed tipprattika dik li jiena nsejjaħlu serq fuq iċ-ċittadini Maltin.

Fis-sistema tal-posta internazzjonali, hemm affarijiet bħal Kupuni Internazzjonali ta' Tweġiba, jew KIT fil-qosor.

Dawn il-kupuni jinxtraw mill-uffiċċji tal-posta biex meta xi ħadd jibgħat ittra jew kartolina lil ħaddieħor u jkun irid tweġiba, min jirċeviha ma jkollux għalfejn jixtri bolla, imma jibdel il-kupun ma' bolla. Il-pajjiżi kollha membri tal-Unjoni Internazzjonali tal-Posta huma marbuta b'din l-obbligazzjoni.

Biex jitneħħa kull dubju, hemm miktub fuq il-kupun il-kliem f'dan is-sens f'ilsna differenti bħal ma huma, l-Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Spanjol, Russu, Għarbi u Ġappuniż. Il-klienm eżatt bl-Ingliż huwa,

"Dan il-kupun jista' jinbidel f'kull pajjiż ta' l-Unjoni Universali tal-Posta għall-inqas pustaġġ għal oġġett mhux reġistrat ta' priorita' jew ittra mhux reġistrata mibgħuta bl-ajru lejn pajjiż barrani."

Malta taċċetta dawn il-kupuni, imma għal bolla ta' 16-il ċenteżmu biss u trid li l-klijent iħallas id-differenza.

Dan huwa ksur ċar mill-Maltapost ta' l-obbligi internazzjonali tagħha u serq sfaċċat taċ-ċittadini Maltin u klijenti oħra.

Biex jogħorku l-melħ fuq il-ferita, il-Maltapost tbiegħ dawn il-Kupuni għal 50 ċenteżmu u tagħti biss bolla ta' 16-il ċenteżmu.

Jiena għalhekk se nibgħat e-mail lill-Unjoni tal-Posta Universali biex ninfurmahom x'qiegħed jiġri fil-Maltapost biex huma jieħdu l-passi ħalli jobbligaw lill-Maltapost timxi ma' l-obbligi internazzjonali tagħha, u nibgħat posta elettronika lill-persuna li bagħtitli kartolina mill-Ġappun biex nispjegalha s-sitwazzjoni minħabba l-arroganza u n-nuqqas ta' tħaris ta' l-obbligazzjoni internazzjonali mill-Maltapost.

Lawrence Galea.

Din l-ittra dehret fit-Times of Malta, imma dawk li jmexxu l-Maltapost tant huma arroganti li lanqas biss indenjaw ruħhom iwieġbuha. Imisshom jistħu.

Din l-ittra qiegħda tiġi ppubblikata hawnhekk għax dan il-fuljett jiġi ppubblikat fuq il-paġna ta' l-internet tal-MARL biex in-nies fid-dinja kollha jkunu jafu dwar is-sitwazzjoni tal-mistħija dwar l-IRC's mibgħuta lil persuni Maltin.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

## Attivitajiet fil-MARL

**Nhar is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Mejju se jkun hemm il-wirja ta' kull sena tar-rebbiegħa ġewwa l-Palazz ta' Sant'Anton.**

**Aħna ġejna mistiedna biex ikollna stazzjon tad-dilettanti tar-radju biex naħdmu mill-wirja u qed nagħmlu ħilitna fiż-żmien qasir li għandna.**

**Kull min jinteressah jew jista' jgħin għandu jiġi fiċ-Ċentru jew jikkuntattja lil xi membru tal-Kumitat ħalli naraw kif nistgħu norganizzaw din l-attivita'.**

**Narawkom**

## Tista' taħdem fuq ċirkwiti Stampati żgħar?



Bil-galbu għodd saqajn l-iljunfant biex tara jekk għajnejk humiex tajbin biżżejjed biex taħdem fuq ċirkwiti stampati żgħar.

Stampa minn fuq
http://www.humoronline.com

## L-Għid it-Tajjeb

Il-Kumitat tal-MARL jixtieq lill-Membri tagħna u l-familji tagħhom kif ukoll lil kull min jaqra dan il-fuljett fuq l-internet l-Għid it-tajjeb.